MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru. 642/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**TRACY HELEN ETARHUNI NEE' CARTER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Tracy Helen Etarhuni nee' Carter ta' 30 sena, bint Malcolm James Carter u Maria Dolores nee' Camilleri, mwielda l- Ingilterra nhar il- 10 ta' Lulju 1977, u residenti fil- fond 191, St. Nicholas, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, detentrici ta' Karta tal-Identita' bin-numru 483300(L);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’dawn il- Gzejjer, nhar id- 19 ta’ Gunju 2008 u fil- granet ta’ qabel din id- data, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku u cioe’ licenzja tal- vettura bin-numru tar- registrazzjoni GAL- 081, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halqet pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2) U aktar talli fl- istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il- Gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe’ lincenzja tal-vettura bin- numru tar- registrazzjoni GAL- 081;

3) U aktar talli fl- istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il- Gzejjer, sabiex jiskeb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika u cioe’ licenzja tal-vettura bin- numru tar- registrazzjoni GAL- 081, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tgharif falz;

4) U aktar talli f’dawn il- Gzejjer, fl- istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe’ licenzja tal- vettura bin- numru tar- registrazzjoni GAL- 081;

5) U aktar talli f’dawn il- Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi saq il- vettura GAL- 081 minghajr ma kellu l- licenzja tal- istess vettura rinnovata ghas- sena kurrenti u cioe 2008;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kontra taghha fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputata, il-Qorti ghandha biss tikkunsidra l-piena. L-Ufficjal Prosekutur spjega fil-qosor x'kienu c-cirkostanzi tal-kaz in esami, u l-Qorti hi tal-fehma l- l-imputata ghandha bzonn ta' hafna ghinuna u sorveljanza fl-istess hin. Ghalhekk, tenut kont tal-ammissjoni bikrija taghha u tal-fedina penali kwazi netta, il-qorti tara li jkun idoneju li l-imputata tinghata ordni ta' Probation ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 183, 184, 186, 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tordna li titqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal perijodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------